**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 1 ta' Novembru, 2017

Rikors numru : 334/17 AL

**A B**

**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

> Illi l-esponenti zzewget lill-intimat nhar it-28 ta' Mejju 1989, skont kif jidher mill-Att taz-Zwieg relattiv illi kopja tieghu qed tigi hawn annessa, esebita u mmarkata bhala **Dok. A**;
>
> Illi minn dan iz-zwieg twieldet M B illi llum ghandha hamsa u ghoxrin (25) sena, b'dan illi ebda manteniment m'huwa dovut ghaliha;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet sfaxxa u tkisser irremedjabbilment, u dan minhabba ragunijiet rikonoxxuti mil-Ligi, u effettivament huma ilhom isseparati legalment sa mit-13 ta' Novembru 1997, skond ma jidher mill-kopja tal-kuntratt ta' separazzjoni personali hawn anness, esebita u mmarkata bhala **Dok. B,** b'dan illi huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-**Artikolu 66B(a)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta.** L-ebda manteniment ma kien dovut lill-esponenti;

Illi llum-il gurnata, il-partijiet ighixu hajja totalment separata minn xulxin u effettivament l-esponenti ghandha relazzjoni ma' terza persuna illi ilha ghal aktar minn ghoxrin (20) sena, u ghalhekk ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet. B'hekk huwa sodisfatt ukoll ir-rekwizit tal-**Artikolu 66B(c)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**;

Illi ghalhekk isegwi illi f'dan il-kaz huma sodisfatti l-kriterji kollha mehtiega mil-Ligi sabiex jigi pronuzjat il-hall taz-zwieg.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara d-divorzju u l-hall taz-zwieg iccelebrat nhar it-28 ta' Mejju 1989, ai termini tal-**Artikolu 66D(2)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta;** u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex entro t-terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-pronunzja ta' hall taz-zwieg ossia d-divorzju bejn il-partijiet, sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku ai termini tal-**Artikolu 66A(4)** tal-**Kap. 16** tal-**Ligijiet ta' Malta**.

Rat ir-risposta tal-intimat, li permezz taghha jikkonferma:

Illi l-intimat qieghed jaqbel illi zzewweg lir-rikorrenti A B permezz ta' cerimonja religjuza fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Mejju tas-sena elf, disa` mija disgha u tmenin (1989) hekk kif jidher fic-certifikat prezentat mir-rikorrenti A B mar-rikors taghha (Anness bhala Dok. A);

Illi l-intimat qieghed jaqbel illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effetwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Richard Vella Laurenti nhar it-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elf disa` mija sebgha u disghin (1997) hekk kif jidher fl-Att anness mir-rikorrenti mar-rikors taghha (kopja annessa (Dok. B);

Illi l-intimat qieghed jaqbel illi l-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghal kull dritt li jitolbu u jircievu manteniment minghand xulxin.

Illi l-intimat ddiskuta mal-avukat tieghu il-possibilta` ta' rikonciljazzjoni u ma ghandu ebda interess illi jersaq ghar-rikonciljazzjoni mar-rikorrenti u qieghed jaqbel li ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi huwa qieghed jaqbel illi ghaddew iktar minn erba` snin mid-data tas-separazzjoni legali u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghaldaqstant billi qeghdin jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet, l-intimat C B qieghed jaqbel mat-talba ta' A B u ma ghandu ebda interess illi joggezzjona ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' Awwissu, 2017;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-13 ta' Novembru 1997;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.